**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-25 ta' April 2017 – Alexander Mölk vs Valentina Mölk**

**(Kawża C-214/17)**

(2017/C 283/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Alexander Mölk

*Konvenuta:* Valentina Mölk

**Domandi preliminari**

1. Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 4(3) u tal-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tal-2007 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur tirregola wkoll it-talba ta' debitur intiża, minħabba bidla li taffettwa d-dħul tiegħu, għat-tnaqqis ta' ħlas ta' manteniment impost fuqu permezz ta' deċiżjoni li għandha l-awtorità ta' *res judicata* meta l-ammont tal-manteniment li għandu jitħallas kien ġie stabbilit mill-qorti, fuq it-talba tal-kreditur u skont l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tal-2007, konformement mal-liġi tal-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu mhux mibdula?

   Fil-każ li għall-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

2. L-Artikolu 4(3) tal- Protokoll ta' Den Haag dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tal-2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kreditur għandu "jadixxi" wkoll lill-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu meta, fil-kuntest ta' proċedura mibdija mid-debitur quddiem din l-awtorità, il-kreditur jidher, fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment ([1]), u jitlob li t-talba tiġi miċħuda fil-mertu?

([1]) ĠU L 7, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fil-25 ta' April 2017 – Silvio Berlusconi, Finanziaria d'investimento Fininvest SpA (Fininvest) vs Banca d'Italia, Istituto per la Vigilanza Sulle Assicurazioni (IVASS)**

**(Kawża C-219/17)**

(2017/C 283/20)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Silvio Berlusconi, Finanziaria d'investimento Fininvest SpA (Fininvest)

*Konvenuti:* Banca d'Italia, Istituto per la Vigilanza Sulle Assicurazioni (IVASS)

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet tal-ewwel, it-tieni u l-ħames paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE flimkien ma' dik tal-Artikolu 256 (1) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li hija l-qorti tal-Unjoni jew il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' rikors dirett kontra atti promoturi, preparatorji u ta' proposta mhux vinkolanti adottati mill-awtorità kompetenti nazzjonali (bħal dawk imsemmija fil-punt 1 ta' dan id-digriet) fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva 2013/36 [1], fl-Artikolu 1(5), u fl-Artikolu 4(1)(c) u fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1024/2013 [2], fl-Artikoli 85 sa 87 tar-Regolament Nru 468/2014 [3] kif ukoll fl-Artikoli 19, 22 u 25 tat-[Testo unico delle leggi in materia bancaria e creditizia (test ewlieni tal-liġijiet fil-qasam bankarju u ta' kreditu)]?

2) B'mod iktar speċifiku, il-qorti tal-Unjoni jista' jkollha ġurisdizzjoni meta dawn l-atti ma ġewx ikkontestati b'rikors normali għal annullament iżda huma s-suġġett ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba ksur jew evażjoni tal-awtorità ta' *res judicata* tas-sentenza Nru 882/2016 mogħtija fit-3 ta' Marzu 2016 mill-Consiglio di Stato (Kunsill tal-Istat), liema talba tressqet fil-kuntest ta' rikors għal eżekuzzjoni ppreżentat skont l-Artikoli 112 *et seq* tal-kodiċi tal-proċedura amministrattiva, jiġifieri fil-kuntest ta' proċedura koperta mis-sistema tal-proċedura amministrattiva nazzjonali, meta tali deċiżjoni timplika l-interpretazzjoni u l-identifikazzjoni, skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali, tal-limiti oġġettivi tal-awtorità ta' *res judicata* ta' din is-sentenza?

[1] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU L 176, p. 338).

[2] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, tal-15 ta' Ottubru 2013, li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, p. 63).

[3] Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew, tas-16 ta' April 2014, li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fit-8 ta' Mejju 2017 – Legatoria Editoriale Giovanni Olivotto (LEGO) SpA vs Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA *et***

**(Kawża C-242/17)**

(2017/C 283/21)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Legatoria Editoriale Giovanni Olivotto (LEGO) SpA

*Konvenuti:* Gestore dei servizi energetici (GSE) SpA, Ministero dell'Ambiente e della Tutela del Territorio e del Mare, Ministero dello Sviluppo Economico, Ministero delle Politiche Agricole e Forestali

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(7) tad-Direttiva 2009/28/KE [1] moqri flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2011/438/UE, tad-19 ta' Lulju 2011 [2], jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħad-Digriet Ministerjali tat-23 ta' Jannar 2012, u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 12 tiegħu, li jimponi obbligi speċifiċi differenti u iktar sinjifikattivi minn dawk imposti fil-każ tal-adeżjoni f'sistema volontarja li hija s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea adottata skont l-paragrafu 4 tal-Artikolu 18 hawn fuq imsemmi?